# Il-Fanal ta' Dellimara

Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela

## Memorji ta' tfuliti

Meta, snin ilu, jien kont għadni tifel żgħir, il-Fanal ta' Dellimara, tant kien isaħħarni. Kelli madwar seba' snin, meta kont għamilt xi żmien noqgħod f'Birżebbuġa mannanniet tiegħi. Missieri kien ipprova jdaħħalni l-Iskola Primarja taż-Żejtun, iżda ma kienx hemm post għalija, u allura daħħalni fl-iskola ta' Birżebbuġa. Minħabba fija, in-nannu u n-nanna krew post hemmhekk, u allura jien għamilt madwar sena noqgħod Birżebbuġa, fejn ukoll għamilt l-Ewwel Tqarbina. Niftakar sewwa, għall-ewwel konna noqogħdu n-naħa tat-tankijiet, viċin il-baħar.

Fil-għaxija kont noqgħod bilqiegħda barra nħares fil-bogħod in-naħa ta' Dellimara, nieħu pjaċir, ta' tifel li kont, nara l-Fanal ta' Dellimara jixgħel fil-bogħod, jew peress li l-lanterna kienet iddur, nara d-dawl tiegħu kull ftit sekondi. Kien tant jogħġobni, u meta tfarfart ftit, u ġiet f'idejja poeżija ta' Mons. Saydon dwar dan il-fanal, kont nieħu pjaċir naqraha bil-mod u niftakar fis-snin sbieħ ta' tfuliti ġewwa Birżebbuġa. Ħaġ'oħra li tant kont nieħu gost biha kienu l-ajruplani tal-baħar deħlin fid-Daħla ta' Marsaxlokk, jew ħerġin minnha - speċi jinħbew wara t-Torri ta' San Luċjan, jew f'daqqa waħda joħorġu minn warajh! Memorji pjaċevoli ta' żmien l-innoċenza li, tikber kemm tikber, qatt ma tinsihom!



## Tifsira ta' l-isem "Dellimara"

Dwar it-tifsira ta' l-isem "Dellimara" tgħidx kemm intqalu affarijiet fl-imgħoddi. Saħansitra kien hemm min tħajjar ifissru bħala "Dell il-Mara", peress li fuq in-naħa l-oħra tad-Daħla ta' Marsaxlokk, hemm blata kbira maħruġa 'l barra li jgħidulha "Il-Mara", u allura meta x-xemx tkun nieżla hi titfa' d-dell ta' din il-blata kbira fuq in-naħa l-oħra - spjegazzjoni kemm jista' jkun imġebbda! Kien hemm min spjega l-isem "Dellimara" bħala l-"Palazz ta-Mara" b'riferenza għat-tempju ta' l-alla mara Gunone fuq l-Għolja ta' Tas-Silġ". Jien nippreferi noqgħod fuq l-ispjegazzjonijiet aktar xjentifiċi mogħtija mill-Profs. Godfrey Wettinger fil-ktieb tiegħu ***Place Names of the Maltese Islands***. Wettinger ma jeskludix għal kollox it-tifsira ta' "kunvent" jew "monasteru" għall-kelma "Dejr". Imma ma jidhirlix li f'Dellimara kien hemm fil-passat xi kunvent. Tgħid il-kelma "dejr" allura tista' tirreferi għall-fdalijiet ta' Tas-Silġ fejn, aktarx kienu joqogħdu xi rħieb mijiet ta' snin ilu? Miniex nitkellem dwar il-Patrijiet Tereżjani li joqogħdu hemm fil-Kunvent tagħhom fi żmienna; dawn marru hemm ħafna snin wara. Fil-fatt m'ilhomx aktar minn 100 sena hemm. L-irħieb ta' aktar minn elf sena ilu - hawn min jaħseb li setgħu kienu l-Patrijiet Benedittini mibgħuta Malta mill-Papa San Girgor il-Kbir fl-aħħar tas-seklu VII - kienu joqogħdu fi speċi ta' ċelel li

nbnew fil-post okkupat mit-Tempji ta' Gunone, u wara, aktarx minn Bażilka (knisja) Biżantina.

## Ismijiet l-inħawi ta' Dellimara

Iżda l-Profs. Wettinger jippreferi jispjega l-kelma "dejr" bħala "maqjel" (sheepfold). Dejr l-Imara, Dejr Limara jew Dellimara għal Wettinger ifissru, aktarx, il-maqjel tal-kmandanti jew ta' l-ammiralli; forsi, il-maqjel ta' (Ca) limera. Calimera kien kunjom jeżisti f'Malta qabel is-seklu 15. ***Dejr limara territorium***, 25/8/1486, Nutar J. Sabbara. Fl-Arkivju tan-Nutara, Wettinger sab diversi ismijiet ta' postijiet li jinsabu fl-inħawi ta' Dellimara, bħal Tal-Basal, Għajn Sender tas-Simar, Tal-Ħawt, il-Ħbejjel tal-Ħawt, il-Ħmilu, Magħlaq, Misraħ il-Wardija, Tumbrell, il-Qasar, Wilġa tal-Baħar, Wilġa tal-Borġ, Wilġa ta' Dellimara u Xagħri ta' Dejr l-Imara. Hekk "Ħbejjel il-Ħawt" tfisser ħabel għelieqi ħdejn l-għadira. Interessanti l-isem "Qasar ta' Dejr l-Imara", peress li "qasar" tfisser torri jew kastell. Allura din hi riferenza għal xi torri li żmenijiet ilu kien fil-Ponta ta' Dellimara, u li llum m'għadux hemm? Allura, jekk inhu hekk, ma kinux il-Kavallieri ta' San Ġwann li bnew l-ewwel torri f'Dellimara, u wisq anqas ma kienu l-Ingliżi li, snin wara, bnew il-fortizza grandjuża u l-Fanal li għadu wieqaf sal-lum.

## Il-Baħħara quddiem il-fanal

Nippruvaw inġibu quddiem għajnejna x'kienu jħossu l-baħħara meta jaraw id-dawl iteptep ta' fanal jixgħel fuq l-art wara li jkunu għaddew żmien twil fuq il-baħar, speċjalment bil-lejl, forsi f'xi maltempata kbira! X'ferħ kienu jħossu f'qalbhom meta jindunaw, permezz tad-dawl tal-fanal, li waslu qrib l-art! Jew bil-maqlub, x'dieqa kienu jħossu l-Maltin maqbuda lsiera, meta jaraw id-dawl ta' xi fanal, li kien ifisser li waslu għal jasar twil fl-art tal-Barberija. Kien x'kien il-każ, id-dawl ta' fanal fuq l-art kien ifisser għalihom il-passaġġ minn paġna tal-ħajja għal paġna oħra.

## Fanal wieħed fi żmien il-Kavallieri

Il-bidu ta' dawn il-fanali jmur lura sekli sħaħ fl-Istorja. Fis-seklu 3 Q.K. diġà kien jeżisti l-famuż fanal, deskritt bħala wieħed mis-seba' għeġubijiet tad-dinja, mibni fuq il-gżira Faro, f'Lixandra, l-Eġittu. Tant kien rinomat dan il-fanal enormi li l-istess isem tal-gżira - Faro - għat-Taljani beda jfisser fanal innifsu. Kien fanal ta' kobor immens, aktar minn 130 metru għoli u jinkludi 300 kamra! Id-dawl tiegħu kien jingħata minn nirien kbar jaqbdu taħt koppla mibnija fuq tmien kolonni. Wisq probabbli li dan id-dawl kien jiġi ntensifikat permezz ta' ħafna mirja. Jidher li f'Malta minkejja li din hi gżira mdawra bil-baħar, qabel l-Ingliżi qatt ma kien hawn sistema suret in-nies ta' fanali. Qabel kien jeżisti fanal wieħed, fuq il-Ponta ta' Sant'Iermu, int u dieħel fil-Port il-Kbir u fil-Port ta' Marsamxett. Iżda fis-seklu 19, l-Ingliżi żiedu żewġ fanali importanti oħra, dak ta' Ġordan, fil-Majjistral tal-Gżejjer Maltin, u dak ta' Dellimara fix-Xlokk. Post ta' l-għassa kien diġà jeżisti fil-Ponta ta' Xagħret Mewwija (fejn illum tinsab il-Belt Valletta) fis-seklu 14. Il-post kien jissejjaħ "Xebb ir-Ras". Tgħid nistgħu nispjegaw il-frażi "Xebb ir-Ras", kliem Għarbi, bħala "id-dawl fil-promontorju"? Din ir-Ras kienet tissejjaħ "il-Ponta ta' Sant'Iermu" qabel il-miġja tal-Kavallieri f'Malta fl-1530. Hija l-verżjoni Spanjola ta' l-isem "San Telmo", Isqof ta' Formio, l-Italja, patrun tal-baħħara. Żgur li fis-seklu 15 f'Xebb ir-Ras kien jeżisti xi fanal, mibni minn Don Gonsalvo de Cordova, Viċi-Re ta' Sqallija. Kienu t-Torok li farrku dan il-fanal fl-1488. Il-Kavallieri mbagħad bnew fanal ieħor fl-istess post fis-sena 1589.

Fis-sena 1849, fi żmien l-Ingliżi, is-sistema sħiħa f'Malta ta' għajnuna għall-baħħara ġiet riveduta minħabba ż-żieda fit-traffiku tal-baħar. Dan il-bżonn kiber aktar meta nfetaħ il-Kanal tas-Swejz bejn is-snin 1859 u 1869. Malta, flimkien ma' Ċipru, Lixandra u Aden saru postijiet ta' waqfien għall-bastimenti li spiss kienu jbaħħru bejn Londra u l-Lvant Imbiegħed. B'konsegwenza ta' dan, il-Gvern Ingliż ħaseb biex iżid fil-Gżejjer Maltin iż-żewġ fanali li semmejna.

## Jinbena l-Fanal ta' Dellimara

Il-Fanal ta' Dellimara ġie kkommissjonat mill-Gvernatur O'Farrall fl-1850, iżda l-bini tiegħu ma bediex qabel l-1854. Kellu jintuża ġebel tal-qawwi fil-filati ta' fuq biex tingħata aktar saħħa lil-lanterna. Il-fanal kien lest u armat b'kollox fis-sena 1855. It-torri ottangonali tal-fanal tela' minn bini rettangolari ta' żewġ sulari, li nkluda numru ta' kmamar għall-użu tal-bnedmin inkarigati mill-fanal u l-ħażna tal-*fuel*. Taraġ ċentrali f'għamla ta' garigor kien jgħaqqad is-sulari differenti u jibqa' tiela' sal-lanterna. Din kienet magħmula mill-azzar u ħġieġ b'gallerija madwarha milħuqa b'sellun tal-metall. Il-gallerija kellha lqugħ tal-metall idur madwar il-lanterna, biex jitħaffef ix-xogħol ta' manutenzjoni. Mibni proprju fit-tarf ta' l-aħħar ras fix-Xlokk ta' Malta, il-Fanal ta' Dellimara jitla' 50 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar u jkopri l-kosta tal-lvant u x-xlokk tal-gżira, inkluża s'intendi d-Daħla ta' Marsaxlokk. Biż-żmien dan il-fanal sar ta' servizz kbir għall-bastimenti li kienu jersqu lejn Malta mil-Lvant u l-Afrika ta' Fuq, b'mod speċjali mit-Tuneżija, il-Libja u l-Eġittu.

## Tisħiħ tad-dawl

Id-dawl inxtegħel għall-ewwel darba fis-sena 1855. Fl-1865 dan id-dawl kien trażmess permezz ta' sistema ta' priżmi msejħa "Lenti Franċiża", li kienet tikkonsisti f'lampa tixgħel biż-żejt quddiem lenti, u r-

raġġi tad-dawl kienu ffokati f'raġġ qawwi orrizzontali; fl-1896 din is-sistema ġiet mibdula f'lampa wisq aktar qawwija li kienet tagħti dawl aħmar jew abjad kull 30 sekonda. Kienet tilħaq ark ta' viżibilità minn 19 sa 295 grad u twassal sa 15-il mil. Fl-1879, Sir Julian Penrose irrakkomanda li flok iż-żejt taż-żebbuġa, jibda jintuża l-pitrolju biex il-fjamma tkun aktar qawwija u jiġi evitat is-serq. Il-pitrolju kien ġie vvintat mix-xjenzat Kanadiż Dr. Abraham Gesner fl-1846, iżda bl-introduzzjoni tad-dawl elettriku f'Malta fl-1896, il-pitrolju ma baqax jintuża aktar.

## Ħsara fit-Tieni Gwerra Dinjija

Fit-Tieni Gwerra Dinjija (1940 – 45) il-Ponta ta' Dellimara ġiet milquta mill-għadu u sofriet ħafna ħsara. Ix-xogħol ta' tiswija u manutenzjoni fuq il-fanal beda fl-1949. Dan ix-xogħol kien jinkludi żebgħa minn ġewwa u minn barra, it-tiswija ta' l-art, taraġ ta' l-injam, żebgħa tal-ħadid, u ħafna xogħlijiet oħra. Fit-13 ta' Frar, 1950, ix-xogħol kollu kien lest. F'Mejju ta' l-istess sena beda x-xogħol ta' żebgħa fuq barra tat-torri tal-fanal - bi tliet passati, waħda taż-żejt tal-kittien, u tnejn żebgħa taċ-ċomb. Fuq parir tal-*Flag Officer* tal-*First Cruiser Squadron*, li dehrlu li kien diffiċli tiddistingwi sewwa l-fanal mill-baħar matul il-ġurnata, it-torri ngħata tliet strixxi wesgħin ikkuluriti: iswed – abjad – iswed.

Eventwalment id-dawl ta' dan il-Fanal ta' Dellimara żviluppa f'serje ta' dwal ikkuluriti aħmar u abjad. Fanali differenti huma magħrufa mill-kwalità ta' sinjali li jagħtu. Fi tpinġija tal-1984, il-Fanal ta' Dellimara hu ndikat bħala "Fanal qadim, li jitfa' żewġ raġġi ta' dawl kull 12-il sekonda fl-orizzont viżibbli minn distanza ta' 18-il mil."

Fis-sena 1990 waqaf l-użu ta' dan il-fanal u bħalissa hemm il-ħsieb li jiġi restawrat minn "Din l-Art Ħelwa".

Ara *Houses of the Light*, Joe Azzopardi, *Vigilo*, Nru. 25, April 2004




Rocky's Take Away

Triq il-Kbira Żejtun • Tel: 2166 1257

BIG BUN

BAKERY & CONFECTIONERY

• daily fresh bread

• 24hrs delivery service

10 Bajjada Street, Żabbar

Tel/Fax: 21 803897 • Mob: 7959 3434

